Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2003

Numru 223/2000

Il-Pulizija
(Spettur Helga Debono)
vs
Robert Schembri

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Robert Schembri, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 247377(M), li permezz tieghu huwa gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'dawn l-ahhar xhur, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda :

Approprja ruhu billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn diversi somom ta' flus li globalment jeccedu LM1000, liema somom ta' flus kienu jappartjenu lis-socjeta' Ancams Limited u persuni ohra u li gew fdati lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc,

amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd ta’ flus jew li jsir uzu minnhom specifikat, u cioe’ li jigu kkonsenjati lis-socjeta’ Ancams Limited u dan bi ksur ta’ l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lix-xhieda kollha prodotti;

Rat il-provi li tressqu d-dokumenti esebiti u l-atti ta’ dan il-procediment;

Semghet lill-imputat fuq imsemmi debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tas-26 ta’ Marzu, 2003;

Taqta u tiddiciedi billi issib lill-istess imputat fuq imsemmi **hati** tal-imputazzjonijiet kollha u dana wara li l-Qorti rat l-Artikoli 293 u 294 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ikkunsidrat ghall-fini ta’ piena l-fatt illi l-imputat irregistra ammissjoni, kif ukoll il-fatt illi l-Ufficjal Prosekutur iddikjarat illi illum il-gurnata l-imputat huwa riformat. Fiz-zmien illi ikkommetta r-reat in kwistjoni l-imputat kellu l-vizzju qerriedi tad-droga, mentri illum il-gurnata huwa irnexxielu jeghleb dan il-vizzju u ma ghadux ‘drug dependent’. Ghaldaqstant il-Qorti tara illi ma jkunx ta’ beneficcju kemm ghall-imputat, kif ukoll ghas-socjeta’ in generali jekk l-imputat jigi karcerat u tara li jkun ferm aktar ta’ beneficcju li l-imputat jinghata l-ahhar opportunita sabiex jirriforma hajtu u jaqbad it-triq it-tajba.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll l-Artikolu 21 tal-Kap. 9 u l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tilliberah taghmel dan bil-kondizzjoni illi l-imputat ma jaghmel l-ebda reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bi kliem car bir-responsabbilta tieghu skond il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kondizzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------